**MINUTI**

**Minuti tal-56 Laqgħa tal-Kunsill Lokali Qrendi**

**It-tmien leġiżlatura**

Il-Kunsill Lokali tal-Qrendi ltaqa' fl-uffiċċju tal-Kunsill 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi, nhar it-Tnejn 29 ta' Mejju 2023, fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI

Is-Sindku David Schembri MQR
Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja
Il-Kunsillier Daniel Farrugia
Il-Kunsilliera Marion Parnis
Il-Kunsillier Charles Zerafa

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skond Ordni Permanenti 14A(3))

UFFIĊJAL

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv Ritienne Giorgino

**Minuti**

*Is-Sindku preseda l-laqgħa.*

**56.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**56.1.1** Ma kienx hemm ittri t'apoloġija.

**56.2** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti**

**56.2.1** Il-Minuti tal-55 laqgħa ġew ikkunsidati bħala moqrija.
Il-Kunsillier Charles Zerafa propona l-approvazzjoni. Il-Viċi Sindku ssekonda. Il-Minuti ġew approvati bħala dokument korrett.

**56.3** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**56.3.1** Is-Sindku informa li ntalbu żewġ kwotazzjonijiet dwar sigurta' tat-toroq u ta' Triq it-Tempesta. L-istima tal-persuna awtoriżżata għal dan ir-rapport hija ta' €1400.

**56.3.2** Is-Sindku informa li Infrastructure Malta talbu żewġ surveys tat-toroq li huma fil-pjan ta' xogħol annwali kif approvati mill-Kunsill, Triq Kastiljani u Triq il-Karwija. Qed jinġiebu stimi għal surveys.

**56.3.3** Is-Sindku informa li l-miżata ta' sħubija għal Gal Xlokk ser tiskadi, u propona li din tiġi mġedda għal ammont ta' €500 kull kunsillier, jiġifieri total ta' €2500. Huwa qal li l-Kunsill u għaldaqstant il-lokalita' tal-Qrendi kienet ibbenefikat minn diversi proġetti taħt l-iskemi tal-Gal Xlokk u allura dan l-affiljament huwa ta' gwadann. Is-Sindku qal li l-ħlas jista' jinqasam fuq darbtejn. Il-Kunsill unanimament qabel li jġedded is-sħubija.

**56.3.4** Is-Sindku qal li tqajmet kwistjoni mill-awdituri rigward ammont konsiderevoli ta'flus dovuti lill-kunsill minn multi ta' żmien il-kumitati konġunti u cioe qabel ġew iffurmati il-Kunsilli Reġjonali. Huwa qal li wara stħarriġ jirriżulta li l-multi ta' dan iż-żmien issa ġew preskritti u allura biex issegwihom hemm proċedura legali li ma tatix garanzija li l-flus ser jidħlu, għalhekk huwa vjabbli li dawn il-fondi jiġu 'written off' fis-sistema tal-accounts. Il-Kunsill unanimament qabel ma' dan.

**56.3.5** Is-Sindku informa li ġiet riċevuta korrispondenza mill-OHSA dwar stop notice u multa relatata max-xogħolijiet fiċ-ċentru ċiviku li tmur lura għas-sena 2021. Ir-rapport kien rigward l-armar ta' scaffolding mhux skond ir-regolamenti tas-sigurta'. Is-Sindku qal li ser jistħarreġ dwar dan ir-rapport anka peress li issa għadda ż-żmien minn fuqu u l-iscaffolding kien tneħħa minnufih.

**56.4** **Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**56.4.1** Is-Sindku staqsa lill-Kunsillier Charles Zerafa dwar il-Mobile App. Il-Kunsillier wieġeb li kien hemm problema dwar ir-rappreżentant legali. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet li ir-rappreżentanti legali huma dejjem is-Sindku jew is-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku talbu biex jipproċedi f'dan is-sens.

**56.5** **Applikazzjoni – Ħarsien tal-Annimali (Animal Welfare)**

**56.5.1** Is-Sindku nforma li hemm sejħa ta' nteress għall-sessjoni ta' konsultazzjoni dwar l-iskema l-ġdida bl-isem ta' LC CARE mis-Segretarjat Parlamentari. Is-Sindku talab l-interess tal-Kunsill għall-parteċipazzjoni. Il-Kunsilliera Marion Parnis qalet li dawn l-iskemi huma bżonnjużi u ta' għajnuna lil diversi volontarji li jitimgħu il-qtates. Il-Kunsill unanimament qabel li jipparteċipa.

**56.6** **Tħawwil ta' siġra kommemorattiva**

**56.6.1** Is-Sindku informa li bħala parti mill-Programm tas-Segretarjat għall-anniversarju tat-30 sena mill-Kunsilli Lokali, ser issir taħwil ta' siġra f'kull lokalita'. Għalhekk qed jitolbu indikazzjoni ta' post fejn din titħawwel. Huwa propona quddiem il-Knisja Parrokjali, u li dan l-avveniment isir fit-18 t'Ottubru. Il-Kunsill unanimament qabel.

**56.7** **Sit propost għal BCRS**

**56.7.1** Is-Sindku qal li wara li s-sit propost ħdejn l-iskola ma ġiet approvat, u l-Kunsill ma sab l-ebda sit adattat, il-BCRS qed jiproponu dawn is-siti:
Triq il-Warda, Triq Ġuże Cassar ħdejn l-ATM, Triq Ġużeppi d'Arena. Is-Sindku qal li l-bins ta' Triq il-Biżantini dalwaqt ser jitneħħew.

**56.8** **Festival tal-Patata – Rendikont**

**56.8.1** Is-Sindku talab lil Viċi Sindku jagħti rendikont tal-attivita'. Il-Viċi Sindku qal li l-maltemp tellef ħafna mill-konkorrenza tal-pubbliku għal din l-attivita', iżda minkejja dan, l-għaqdiet kollha rrapurtaw bejgħ sostanzjali. Huwa rringrazja lill-parteċipanti kollha u qal li Seduta oħra jiġi preżentat ir-rendikont finanzjarju. Il-Viċi Sindku talab lill-Kunsilliera jressqu l-kummenti tagħhom biex darb'oħra, l-attivita' setgħet tkun aħjar. Il-Kunsillier Charles Zerafa semma li l-promozzjoni ma kinetx qawwija biżżejjed. Huwa qal li skond il-proposta u l-istima kellu jkun hemm boost iktar qawwi ta' reklamar. Il-Kunsillier Zerafa qal li attivita' li tinħtieġ tant xogħol ma għandiex tkun ibbażata fuq attendenza lokali biss. Il-Viċi Sindku qal li kien hemm diversi parteċipanti li ma ġewx minħabba maltemp u għalhekk kien hemm stalls vojta li għamlu ikrah. Hu qal li din hija l-ewwel attivita' li kien inkarigat minnha u konvint li b'din l-esperjenza, attivita li jmiss tkun aħjar.

**56.9** **Approvazzjoni ta' overtime tal-ħaddiema assenjati**

**56.9.1** Is-Sindku qal li l-awditur ġibed l-attenzjoni rigward l-approvazzjoni tal-overtime tal-impjegati. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet li l-ħaddiema jaqgħu taħt ir-responsabilta' legali tas-Segretarju Eżekuttiv bħala l-kap amministrattiv u għalhekk hu irid japprova kemm l-attendenza u anka l-overtime tal-impjegati. Il-Kunsill unanimament qabel ma' dan.

**56.10** **Post vakanti tas-Segretarju Eżekuttiv – Interviews**

**56.10.1** Is-Sindku qal li l-bord tal-intervisti kif iffurmat iltaqa' fl-Uffiċċju tal-Kunsill fl-24 ta' Mejju. Wara li ġie kkonsultat id-dokument tal-linji gwida maħruġ mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, ġie nnutat li l-bord għandu jkun magħmul minn massimu ta' tlett persuni, u mhux ħamsa. Għalhekk, il-Kunsillier Charles Zerafa volontarjament rtira mill-Bord. Is-Sindku qal li trid tonqos persuna oħra biex il-bord ikun regolari. Hu propona li l-bord jibqa' magħmul minnu bħala rappreżentant tal-Kunsill, mis-Sur Mallia espert fir-reklutaġġ u mis-Sur S.Sultana, Sindku ta' Santa Venera bħala persuna indipendenti, u għalhekk, tiġi rtirata l-ħatra tas-Segretarju Eżekuttiv ta' Ħal Kirkop. Is-Sindku qal li ġie deċiż li l-intervisti jsiru f'ambjent iktar adattat anka minħabba spazju, u ġie ssuġġerit il-binja tal-Gvern Lokali fil-Marsa. Ġie rrakkomandat ukoll li l-bord ikollu f'idejħ il-CVs taż-żewġ kandidati biex ikun jista jevalwa. Meta dawn ikunu f'idejn il-bord, issir il-laqgħa li jmiss.

**56.11** **Skema SPI/SCI/04/2023 – Skema finanzjarja – Komunitajiet aktar siguri u organizzati**

**56.11.1** Is-Sindku informa li d-data tal-għeluq għal din l-iskema hija it-28 ta' Lulju 2023. Is-Sindku propona li l-applikazzjoni ssir għal CCTV San Mattew jew/u sleeping police skond l-ispiża.

**56.12** **Items oħra ta' xogħol li jkun meħtieġ**

**56.12.1** **Tenders**
Is-Sindku informa li bi żvista inħarġet is-sejħa għat-tender għas-servizz legali. Huwa qal li l-kuntratt eżistenti jiskadi fl-aħħar tas-sena 2023 u għalhekk dan it-tender ġie rtirat. Il-Kunsillier Charles Zerafa saqsa jekk hux iktar vjabbli li s-servizz jitħallas b'kull kas minflok flat rate. Hu talab lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv tispjega rigward tenders oħra.

**56.12.2** Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv informat li kienet ingħalqet is-sejħa tat-tenders tat-Traffic Signs and Road Markings u tas-Servizz ta' perit, fejn intefgħu 3 offerti għall-ewwel tender u 4 għas-servizz ta' Perit. Hija qalet li għaddej ix-xogħol biex jinħareġ ukoll it-tender taċ-Ċentru Ċiviku iżda jonqos xi teknikalitajiet. Rigward l-evawazzjoni tat-tender tal-knis qed tistenna li tinstab data fejn jistgħu il-membru kollha biex it-tender jiġi evalwat u tibda l-evalwazzjoni wkoll tat-tenders l-oħra.

**56.12.3** Ġie kkonfermat il-bord ta' evalwazzjoni tat-tenders: L-avukat Dr Tiffany Farrugia, Cristian Gravina, is-Sindku, Stephania Grixti u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv.

**56.13** **Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti**

**56.13.1** Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv preżentat l-iskeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsillier Charles Zerafa propona l-approvazzjoni. Il-Kunsillier Marion Parnis ssekondat. Il-Kunsill unanimament approva l-iskeda tal-pagamenti kif preżentata.

**56.13.1** **Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju Jannar-Marzu 2023 (Q1)**

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv preżentat ir-rapport finanzjarju għal perjodu Jannar-Marzu 2023. Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet, u propona l-approvazzjoni. Il-Kunsillier Charles Zerafa ssekonda. Il-Kunsill unanimament approva r-rapport kif preżentat.

**56.13.2** **Approvazzjoni ta' aġġustamenti finanzjarji**
Peress li l-proċess t'awditjar għadu ma ġiex konluż u għalhekk l-aġġustamenti finanzjarji għadhom ma sarux, dan l-item għandu jiġi approvat f'Seduta apposta 'l quddiem.

**56.14** **Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**

**56.14.4** Il-laqgħa intemmet fis-7.00 ta' filgħaxija.

**56.14.2** Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 27 ta' Ġunju 2023 fl-4.30 ta' filgħaxija. Il-Kunsill unanimament qabel.

Konfermati, illum 27 ta' Ġunju 2023

David Schembri MQR
Sindku

Ritienne Giorgino
Deputat Segretarju Eżekuttiv